MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2012

Numru. 1294/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Said Sarreo)**

**vs**

**Mario Bonnici**

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mario Bonnici, ta’ tlieta u hamsin (53) sena, iben il-mejjet Armando u Catherine nee’ Mallia, mwieled Bormla fil-21 ta’ Dicembru 1957, detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 45558M u residenti gewwa 27, Triq Sant’ Antnin, Marsaskala akkuzat talli;

Fil-15 ta’ Settembru 2011, ghal habta tal-23:30hrs, gewwa Triq Tal-Labour Zabbar, volontarjament hebb ghal persuna ta’ Matthew Sant u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta’ delitt liema delitt ta’ ferita gravi ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu;

Fl-istess data, hin lok u cirkostanzi, ikkaguna griehi ta' natura hafifa permezz ta' strument li jaqta' u bil-ponta fuq il-persuna ta' Matthew Sant, skont kif iccertifika Dr. Anthony Mifsud mic-Centru Tas-Sahha Rahal Gdid u dan ai termini ta' l-Artikoli 217, 221(1) (2) u 222(1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tas-6 ta' Frar 2012, ix-xiehda tal-ex-Spettur Jesmond Borg u semghet ukoll lil Matthew Sant, fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2012, jiddikjara bil-gurament li huwa kien qed jahfer lill-imputat ghal dak li kien ghamel u li ma kellu l-ebda hsieb li jipprocedi bil-proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li ma kellhiex aktar provi xi tressaq.

Rat li l-imputat ma xehedx u anqas ressaq l-ebda provi.

Ghaldaqstant, il-Qorti, fir-rigward tal-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet, tillibera lill-imputat, fuq nuqqas ta' provi, u, fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, tiddikjara l-procediment ezawriet stante rinunzja.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------